MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2014

Mandat Numru. 1937/2013/1

**BCL Gaming Ltd C 51972**

**vs**

**Sparkasse Bank Malta Public Limited Company C27152**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ipprezentat fit-23 ta' Dicembru 2013.

Rat id-digriet tat-23 ta' Dicembru 2013, fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghall-14 ta' Jannar 2014 u ordnat in-notifika

tal-istess rikors lill-kontro-parti b'ghaxart ijiem (10) zmien ghar-risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2013, fejn, meta ssejjah ir-rikors dehru l-Avukati Jason Azzopardi u Adrian Camilleri ghar-rikorrenti, u Dr. Antonio Depasquale ghall-Bank intimat.

Rat l-atti, semghet ix-xhiedha ta' Ganni Dorini u semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Ir-rikors gie differit ghall-digriet *in camera.*

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ta' *BCL Gaming Ltd* datat it-23 ta' Dicembru 2013, fejn espona illi sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm lill-intimat milli jezercita u/jew jenforza u/jew jesegwixxi kwalunkwe drittijiet inkluz izda mhux limitat ghal kwalunkwe *charge,* u/jew *write off,* u/jew *set off,* u/jew kwalunkwe pretensjoni ohra li allegatament huwa ghandu fuq il-kont numru 10.00.0022273.00 mizmum mill-istess Bank intimat f'isem is-socjeta` rikorrenti, BCL Gaming Ltd, u dan in konnessjoni mal-facilitajiet bankarji moghtija lis-socjeta' ohra bl-isem ta' *Betclass Limited (27816)* permezz ta' *loan agreement* datat il-21 ta' April 2011 u kwalunkwe addenda ghall-istess.

Is-socjeta` rikorrenti spjegat li BCL *Gaming Limited* hija socjeta` debitament inkorporata f'Malta u licenzjata mill-*Lotteries and Gaming Authority (LGA)* sabiex tipprovdi servizzi ta' *remote gaming*. *Betclass Limited* toffri servizzi ancillari ghal dawk ta' BCL Gaming Ltd.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. *Betclass Limited* iffirmat ftehim ta' self mal-Bank intimat fil-11 ta' April 2011 (**DOK B)** fl-ammont ta' €40,000 u bhala garanzija offriet b'rahan *Term Deposit Account*. Sussegwentement gie ffirmat *addendum* ghall-ftehim (**DOK C)**. Ir-rikorrent isostni li f'dan l-*addendum* ir-rahan tat-*term deposit account* offrut minn *Betclass Ltd* gie rilaxxjat u terminat u minflok is-socjeta`

*BCL Gaming Limited* poggiet bhala rahan *current account* taghha stess numru 10.00.0022273.000. Ir-rikorrenti tghid li dan hu *client's account.* Fit-22 ta' Ottubru 2013, il-Bank intimat informa lis-socjeta rikorrenti li m'huwiex qed jirrikonoxxi l-kont bhala *client's account* retroattivament mid-data tar-rahan **(DOK E)**[1].

Jirrizulta li Ganni Dorini huwa l-firmatarju tal-ftehim kif ukoll tal-*addendum* u tal-*annex (SB1 u SB2).* Il-firma tieghu giet ikkonfermata minnu waqt ix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. *Inoltre* l-istess Dorini kien jirrapprezenta liz-zewg socjetajiet.

Is-socjeta` rikorrenti qed issejjes it-talbiet taghha fuq is-segwenti:

i) Li Ganni Dorini, li hu ta' cittadinanza Taljana, ma fehemx dak li iffirma peress li l-*addendum* u l-*annex* gew redatti bil-lingwa Ingliza. Qed jallega li l-kunsens tieghu kien vizzjat bi zball u qerq *stante* l-*malafede* tal-Bank.

ii) Dan il-kont huwa *clients (player) account* u parti mill-flejjes hemm depozitati jappartjenu lill-klijenti, kif dejjem irrikonoxxa l-istess Bank tant li f'zewg ittri (**DOK D1 u D2**) datati s-6 ta' Mejju 2011 u s-26 ta' Lulju 2011 rispettivament, indirizzati lill-LGA iddikjara li "*It will not attempt to enforce or execute any charge, write off, set off or other claim against the above mentioned accounts"* - b'riferenza ghall-kont 022273GA Euro. Il-Bank iddecieda unilateralment li jbiddel id-desinjazzjoni tal-kont bhala *client's account* b'mod retroattiv.

iii) Jekk il-Bank jaghmel il-*call in* tas-self u japproprja ruhu mill-flejjes depozitati fil-kont, ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju irrimedjabbli *inter alia* peress li l-licenzja taghha mill-LGA tigi rtirata in kwantu li titqies li ma tkunx qed tonora l-kondizzjonijiet tal-licenzja taghha in konnessjoni mal-*players/clients account.*

[1] Ittra datata 22 ta' Ottubru 2013.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-procedura ittentata mir-rikorrenti hija dik *ai termini* tal-**artikolu 873 tal-Kap 12** li jiddisponi fis-**subartikolu 2** tal-istess illi:-

*"Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex iharsu id-drittijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrenti prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet".*

Illi l-ghan tat-talba odjerna ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni hija li zzomm persuna milli taghmel xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat, u ghal dan il-ghan ir-rikorrenti jrid jipprova li mad-daqqa t'ghajn (*prima facie*) huwa ghandu dan il-jedd, u li tali mandat huwa mehtieg sabiex jitharrsu l-jeddijiet tieghu **(artikolu 873 (1) tal-Kap. 12 – "Mary Borg vs Il-Kummissarju tal-Artijiet" –** P.A. (JRM) – 15 ta' Dicembru 2008; **"The Golden Shephard Group Limited vs Enemalta Corporation"** (P.A. (RCP) – 17 ta' Marzu 2009). Din hija mizura ta' natura eccezzjonali **("Grech proprio et nomine vs Manfre"** – A.C. – 14 ta' Lulju 1988 – Vol. LXXII.ii.290), b'dan li jkun hemm il-biza li jekk ma jinharigx tali mandat id-dritt tar-rikorrenti jintilef ghal dejjem (**"40, Main Street Catering Establishment Limited vs L-Awtorita' tal-Ippjanar"** (P.A. (RCP) - 2 ta' Novembru 2010).

Illi ghalhekk jidher car li l-elementi rikjesti sabiex jigi spedit Mandat ta' Inibizzjoni huma anke skont is-sentenza "**Giacomo Galea vs Pio Bezzina"** (A.C. 5 ta' Awwissu 1954) u **"Id-Direttur tal-Kuntratti et vs George Xuereb"** (K.G.V. 14 ta' Gunju 1995) huma tlieta:-

(a) Ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti elenkati **fl-artikolu 873 (1)**, u cioe' sabiex att jigi imwaqqaf milli jsir;

(b) Illi jkun jidher *"prima facie"* li min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi haga li biha jista' jirrekalu hsara jew molestja;

(c) Id-dritt huwa necessarju biex jigi konservat id-dritt tar-rikorrenti, u mhux sempliciment biex jigu evitati danni, li jistghu dejjem jigu kwantifikati u rimedjati b’azzjoni *ad hoc*, u dan kif gie wkoll stabbilit bid-decizzjonijiet **“Angelo Xuereb nomine vs Marin Hili”** (K. (N.A.) 22 ta’ Settembru 1995) **“Freeport Terminal p.l.c. vs Union Haddiema Maghqudin”** (P.A. (RCP) 2 ta’ Frar 1999).

Illi minn dan jidher li l-procedura bil-mandat ta’ inibizzjoni hija wahda ta’ natura eccezzjonali u l-Qorti fil-konsiderazzjoni ta’ l-istess ghandha tiddeciedi mhux il-mertu tal-kwistjoni, izda biss fuq bazi ta’ *prima facie* u dan stabbilit b’mod oggettiv; li l-intimat ikun qed jaghmel atti li qed jikkawzaw hsara lir-rikorrenti, u jekk ma jinharigx tali mandat id-drittijiet tar-rikorrenti jigu rrimedjabbilment pregudikati (**“Antonio Ruggier vs Milica Micovic”** (P.A. (RCP) – 10 ta’ Gunju 2008).

Tajjeb li jkun riaffermat li l-procedura odjerna hija mahsuba biex tkun wahda sommarja. Il-fatt illi tintlaqa` talba ghall-hrug ta’ l-Mandat, m`ghandux ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Kif daqstant iehor m`ghandux ifisser li jekk il-hrug tal-Mandat ikun michud allura l-jedd pretiz ma jezistix. Mhux kompitu ta’ din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Dan kollu qed jinghad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti irnexxielu jipprova *prima facie* l-jedd tieghu biex jitlob il-hrug tal-istess kif ukoll li jista' jsofri danni irrimedjabbli konsistenti fit-telf tal-licenzja tieghu mill-*Lotteries and Gaming Authority* jekk isir *call in* jew isiru *charges* fuq il-kont bankarju imsemmi.

Dawn iz-zewg kondizzjonijiet huma kumulattivi.

Ikkonsidrat li Ganni Dorini qed jallega li l-kunsens tieghu kien vizzjat minhabba zball u qerq. L-accertament jekk dan kienx minnu, jew altrimenti jekk l-istess Ganni Dorini,

kien hu li kien qed jagixxi in *mala fede*, hu mertu ta' proceduri ulterjuri u mhux ta' din il-Qorti.

Ukoll, il-Qorti rat l-ittra datata t-22 ta’ Ottubu 2013 **(DOK E)** mibghuta mill-Bank intimat lill-*BCL Gaming Ltd* fejn hemm mitkub li "*By virtue of this agreement and as per the warranties you have given to the bank therein, the bank has amended its record accordingly by not recognising the account as a client's account as from the date of the pledge."*

Minn din l-ittra johrog il-fatt li l-kont li inghata b'rahan kien *client's account* fiz-zmien li gie ffirmat l-*addendum* u xejn ma jiswa ghall-Bank li jistrieh fuq id-data tal-iffirmar tal-*addendum* bhala data posterjuri ghall-ittri dok D1 u D2. Il-Qorti tifhem li l-Bank kien gja jaf li l-kont moghti b'rahan mis-socjeta' *BCL Gaming Limited* kien *client's account* fil-mument tal-iffirmar tal-ftehim.

Dan jikkontrasta ma dak li hemm stipulat fl-*annex to the addendum u cioe` “BCL Gaming Ltd declares that the assets hereby* ***(DOK SB2)*** *given in pledge belong to it and are at its free disposal and not subject to any existent rights of third parties or other encumbrances."* Effettivament dak il-kont ma kienx *free and unencumbered* mill-jeddijiet ta' terzi u dan il-fatt kien maghruf lill-Bank.

Il-Qorti tifhem li l-Bank huwa ben konxju tal-fatt li *clients/players accounts* mizmuma minn operaturi fis-settur ta' *Remote Gaming* ghandhom ikunu *free and unencumbered* ghaliex l-istess Bank ghamel din l-assigurazzjoni lill-LGA fir-rigward tal-ewwel kont li inghata b'rahan minn *Betclass Ltd* **(Dok D1 u D2).**

L-abbli difensur tal-Bank issottometta li l-Bank ghadda biex jezercita l-jeddijiet tieghu taht il-ftehim ghaliex kien jidher li l-kont ma kienx qed jintuza bhala *client's account.* Bl-ittra tat-22 ta' Ottubru 2013, il-Bank informa lid-debitur b'dan .

X'kien in-natura tal-kont  hu wkoll kwistjoni ta' mertu - certament mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li taghmel apprezzamenti approfonditi dwar l-operat ta' kont bankarju f'dawn il-proceduri,  li huma, *di natura*, sommarji. Kif, *del resto*, mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti biex tiddetermina jekk il-Bank kellux il-jedd sabiex unilateralment ibiddel id-desinjazzjoni tal-kont jew jiznaturah.

Illi jinghad ukoll li din il-Qorti thoss li l-pregudizzju li tista' ssoffri r-rikorrenti jekk ma jinharigx tali mandat konsistenti fit-telf tal-licenzja li topera mill-*Lotteries and Gaming Authority,*  hu wiehed irrimedjabbli in kwantu li jgib konsegwenzi fatali ghall-operat tieghu fis-settur.

**<u>III.   KONKLUZJONI.</u>**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mis-socjeta' rikorrenti u li wkoll jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u ghalhekk filwaqt li **tichad** ir-risposta tal-Bank intimat, **tilqa' t-talba kif dedotta** ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------